MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Numru 437/2003

**Middlesea Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Agius**

**vs**

**Ruth Cutajar u Josef Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Settembru tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti, jew min minnhom, huwa responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta' Ottubru tas-sena 2002 gewwa Vjal il-Helsien, Haz Zebbug, Malta bejn il-vettura

Volvo 850 bir-registrazzjoni AJC – 196 misjuqa minn Carmel Agius, u l-vetturi Mitsubishi Lancer bir-registrazzjoni FAW – 447 u Ford Escort bir-registrazzjoni ABD – 084 misjuqa minnhom rispettivament u dan minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, ihallsu, jew min minnhom, lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, disa' mija u wiehed u disghin Lira Maltin, (LM4,991.00,0), in kwantu ghal erbat elef disa mija u wiehed u sebghin Lira Maltin, (LM4,971.00,0), danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici Carmel Agius, li ghalihom hija kellha taghmel fronti taht polza tat-tip "comprehensive", tlett Liri Maltin, (LM3.00,0), ghar-rapport tal-pulizija rigward l-incident, u sbatax –il Lira Maltin, (LM17.00,0), ghas-"survey";

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew min minnhom li huma ngunti ghas-subizzjoni u bl-imghax legali mis-6 ta' Ottubru tas-sena 2002 sad-data tal-pagament effettiv;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Ruth Cutajar datata l-14 t' Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha eccepiet is-segwenti;

1. Illi t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta ghandha tkun michuda stante li l-incident stradali meritu ta' din il-kawza ma sehhx htija tal-eccipjenti, izda gara tort tal-konvenut l-iehor Josef Grima;

2. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, tinkombi lis-socjeta' attrici li tipprova skond il-ligi il-quantum tad-danni minnha pretizi;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Josef Grima datata l-15 t'April tas-sena 2004 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront ta' l-eccipjenti ghandhom jigu michuda in kwantu huma ghal kollox

infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta Ruth Cutajar illi harget minn triq laterali ghal fuq triq principali fejn kien qieghed isuq l-eccipjenti;

2. Illi b'hekk ikkagunatlu emergenza subitanea illi kienet il-kagun uniku ta' l-incident de quo, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali ipprezentata quddiemha;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti skond l-assigurat tas-socjeta' attrici li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs inhar tas-6 t'Ottubru tas-sena 2002 sehh l-incident awtomobilistiku in dizamina li fih kienu nvoluti l-vetturi indikati fl-avviz promotur;

2. Illi jirrizulta li l-vettura ta' l-imsemmi assigurat, senjatament dik tal-marka Volvo 850 bin-numru ta' registrazzjoni AJC – 196, kienet ipparkjata hdejn ir-residenza ta' l-imsemmi assigurat;

3. Illi kagun tal-habta li sehhet bejn il-vetturi l-ohra ndikati fl-istess avviz promotur, jirrizulta li dik tal-marka Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni ABD – 084, baqghet ukoll diehla fuq l-imsemmija Volvo u bl-impatt ressqitha madwar tlett (3) metri mill-post fejn kienet ipparkjata;

4. Illi rizultat ta' dan l-impatt il-Volvo de quo kellha hsarat ingenti kif rilevat mis-"surveyor", (ara fol 38

et seq), ghal liema hsarat is-socjeta’ attrici ghamlet tajjeb meta hallset lill-imsemmi Agius l-ammont minnha pretiz fl-azzjoni odjerna u li tieghu giet ukoll debitament surrogata skond il-ligi, (ara fol 18);

Ikkunsidrat:

Illi d-dinamika ta’ l-incident awtomobilistiku li kien il-kawza tas-suespost jirrizulta li hu in sintesi s-segwenti:

1. Illi l-konvenuta Ruth Cutajar, li kienet qed issuq il-vettura tal-marka Mitsubishi Lancer bin-numru FAW – 447 kienet qed tisporgi bil-mod, minn Triq Dun M. Zarb ghal go Vjal il-Helsien fid-direzzjoni ta’ Hal Qormi;

2. Illi f’salt wiehed jigi l-konvenut Josef Grima li kien qed isuq il-vettura tal-marka Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni ABD – 084 b’velocita’ qawwija li baqa’ diehel minghajr komplimenti fuq il-vettura misjuqa mill-konvenuta u fuq il-Volvo fuq indikata;

Ikkunsidrat:

Illi mill-analizi tas-suespost jirrizulta s-segwenti:

1. Illi ghandu jkun pacifiku li l-Volvo de quo hi biss il-vettura li ssubiet l-estremita’ ta’ l-impatt innocentement;

2. Illi rigward il-konvenuta Cutajar ghandu jinghad li jirrizulta li fl-incident in dizamina hi tirrizulta ghal kollox innocenti stante li jirrizulta li meta ghamlet il-manuvra biex minn triq sekondarja tisporgi ghal triq principali, hi ghamlet dan bid-dligenza u bil-prudenza rikjesta mic-cirkostanzi stante li jirrizulta li waqfet fuq l-“istop sign” u immanuvrat l-ingress taghha bil-qalbu dovut ghaliex il-vettura misjuqa mill-konvenut Grima kienet ghadha ‘l boghod u ghalhekk kienet ghadha f’pozizzjoni li timmanuvra b’facilita’;

3. Illi kienet il-velocita’ skonsiderata tal-konvenut Grima li kienet il-kawza prossima u unika ta’ l-

incident de quo u ghandu issa jiffaccja l-konsegwenzi ta' l-imprudenza tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi rigward il-quantum tad-danni sofferti mill-proprjetarju tal-vettura tal-marka Volvo, jirrizulta li dawn gew debitament ipprovati, m'humiex ezagerati u jimmeritaw li jigu sostenuti wkoll minn din il-qorti;

Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Josef Grima fl-interezza taghhom, takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Ruth Cutajar u filwaqt li ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni taghha tiddikjara li l-qorti hi sodisfatta li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi, takkolji t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Josef Grima u tirrespingi l-istess fil-konfront tal-konvenuta Ruth Cutajar u konsegwentement filwaqt li tiddikjara li l-konvenuta Ruth Cutajar hi estranea ghall-incident de quo:

1. Tiddikjara li l-konvenut Josef Grima hu unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici proprio fl-ammont totali ta' erbat elef disa' mija u wiehed u disghin Lira Maltin, (LM4,991.00,0), kif delineat fl-avviz promotur;

3. Tikkundanna lill-konvenut Josef Grima biex ihallas dan l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta' attrici kif indikata fl-okkju ta' din il-procedura, bl-ispejjez kollha dovuti, u bl-imghaxijiet legali mis-6 t'Ottubru tas-sena 2002, skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------